**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Marzu 2019**

**Talba Nru: 109/18 CZ**

**Claudio Pisani (ID 354272 (M)**

**vs.**

**Ritianne Spiteri (ID 108384 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fit-22 ta' Marzu 2018 li biha talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas ammont ekwivalenti ghall-multi/emendi [sic] li l-esponenti wehel talli l-intimata saqet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBO 547 li, minkejja fil-kuntratt ta' separazzjoni din il-vettura inghatat lilha bhala parti mid-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u meta fl-istess kuntratt l-intimata obbligat ruhha li tirregistra fuq isimha u ma tibqax izjed registrata fuq isem l-attur, ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u minkejja li l-esponent kien iffirma l-logbook bhala s-sid originali tal-vettura l-intimat baqghet sal-lum izjed minn cirka tliet snin u nfos mid-data tas-separazzjoni mhux biss qatt ma effetwat it-transfer

opportun izda baqghet issuq il-karozza minghajr licenzja rinnovata u f'dawn it-tliet snin akkumulat sensiela ta' citazzjonijiet li jammontaw ghal €2,100; minhabba f'hekk ukoll l-esponent qatt ma seta' jbiegh jew almenu jiggaraxxja l-vettura li messet lilu fis-separazzoni numru ta' registrazzjoni KBD 049 bl-ammont akkumulat mid-data tas-separazzjoni sal-lum f'licenzji dovuti lil Transport Malta li jlahhaq is-somma ta' €850.

Ra r-risposta tal-kovenuta prezenta fis-16 t'April 2018 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-pretensjonijie tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li mhux minnu illi l-esponenti ilha ghal dawn l-ahhar tliet snin issuq il-vettura DBO 547 minghajr licenza;
2. Illi effettivament, l-ammont ta' €2,100, rapprezentanti multi minn April 2017, diga' gie mhallas mill-esponenti direttament lil Transport Malta;
3. Illi l-ammont ta' €850 mhux dovut stante li dan huwa frott in-nuqqas tal-attur innifsu li jhallas il-licenzja fuq il-vettura KBD 049 sa mill-2014, ossia s-sena li fiha giet konkluza s-separazzjoni legali bejn il-partijiet;
4. Illi inoltre, ebda nuqqas da parti ta' l-esponenti ma seta qatt ifixkel lill-attur milli jittrasferixxi jew jiggaraxxja l-vettura KBD 049 jew sahansitra jhallas is-somma ta' €850, u dan kif ser jigi ppruvat waqt din il-kawza.

Illi ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kollha kontra l-attur u dan minghajr ebda pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni illi l-esponenti jista' jkollha fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni ohra bejn il-partijiet, filwaqt li l-esponenti zzomm soda kwalunkwe pretensjoni ohra li hi jista' jkollha fuq ammonti ohrajn li huma dovuti lilha mill-attur.

Savl ghal kwalunkwe provvediment iehor illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jaghti.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra n-nota tal-kovenuta[1] li permezz taghha rrilevat li hallset €2,100 rapprezentanti multi minn April 2017, u dan permezz ta' pagamenti maghmula f'April 2018, u cioe' wara l-prezentata tal-kawza odjerna.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' l-attur[2], Karen Cremona[3], Stephen Cassar[4], il-konvenuta[5]

[1] Fol. 9 et seq.
[2] Fol. 53 et seq.
[3] Fol. 65A et seq.
[4] Fol. 77 et seq.
[5] Fol. 80

Ikkunsidra:

Illi l-attur qal illi l-partijiet issepraw fl-2014 u qablu li hu jzomm il-vettura KBD 049 u l-konvenuta zzom il-vettura DBO 547. Jghid illi l-konvenuta baqghet m'ghamiltx it-trasferiment relattiv u bdiet taqla' c-citazzjonijiet li bdew jaslu lilu ghaliex il-karozza DBO 547 kienet ghadha registrata fuqu. Fil-frattemp, huwa ma setax ibiegh jew jiggaraxxja l-vettura tieghu KBD 049 minhabba li kien hemm xi arretrati ta' citazzjonijiet x'jithallsu riferribbli ghall-vettura li hadet il-konvenuta.

Illi x-xhud Karen Cremona minn Transport Malta xehdet illi biex tigi garaxxjata vettura dan seta' jsir, minkejja li jkun hemm l-arretrati; izda ghal dik il-vettura partikolari li kien hemm il-hsieb li tigi garaxxjata, riedu jithallsu l-arretrati kollha. Ikun hemm bzonn li jithallsu l-arretrati tal-vetturi kollha biss fil-kaz illi dak li jkun ikun irid jixtri karozza fuq ismu. Ipprecizat illi sabiex wiehed jaghmel ibiegh vettura (jew jittrasferiha ghal fuq haddiehor) jew jiggaraxxja vettura, dan ried ihallas il-pendenzi fuq dik il-vettura biss.

Illi l-konvenuta xehdet illi l-vettura li hadet hi kienet issa ghaddiet ghand terzi, u l-kontravenzjonijiet relatati maghha kienu thallsu. Dwar il-vettura li ha l-attur qalet li dan ippermetta li taqla' l-kontravenzjonijiet u kien ihalliha barra, u ghal dan hi ma tahtix.

Illi t-talbiet ta' l-attur kienu maqsum fi tnejn; u cioe' kwantu ghal elfejn u mitt Euro (€2,100) riferibbli ghall-vetturali hadet il-konvenuta, u €850 riferibbli ghall-vettura li ha hu.

Illi jirrizulta illi l-ammonti riferibbli ghall-karozza tal-konvenuta thallsu mill-mara u jidher li din il-parti tal-mertu hija ezawrita, ghalkemm jidher ukoll illi dawn il-hlasijiet mill-mara saru wara li giet istitwita u mwiegba l-kawza;

Illi dwar it-€850 riferibbli ghall-karozza ta' l-attur, madankollu, jehtieg illi t-Tribunal jistabblixxi jekk il-konvenuta hijiex responsabbli thallas dawn is-somom jew le, u cioe' jekk ghandhiex xi tort talli l-ammonti telghu b'dan il-mod.

Illi t-Tribunal, wara li ra sewwa x-xiehda ta' Karen Cremona, li xehdet fuq darbtejn, ra illi fic-cirkostanzi ta' l-attur, u dawk cioe' fejn huwa ried jiggaraxxja l-karozza li messet lilu, u ma kellu l-ebda intenzjoni izda li jixtri karozza gdida, huwa seta' jaghmel il-garaging purke' jhallas il-pendenzi relatati ma' dik il-karozza. Ma hemm ebda rabta bejn dak li ried jaghmel l-attur bil-karozza tieghu, u l-pendenzi li kien hemm fuq il-karozza ta-konvenuta. Dan hareg b'mod car minn dak li qalet ix-xhud Cremona, u ghalhekk ghandu jirrizulta illi jekk kemm-il darba gew akkumulati xi arretrati ta' citazzjonijiet fuq il-vettura li ha l-attur, dan kien htija biss tal-passivita' tieghu, u ghalhekk ghal dan ma tahtix l-attrici. Ghaldaqstant, dwar dawn it-tmin mija u hamsin euro (€850), l-attrici m'ghandha l-ebda responsabbilta' ghalihom.

Illi t-Tribunal sejjer madankollu jordna lill-konvenuta thallas parti mill-ispejjez tal-kawza, peress illi apparti li c-citazzjonijiet relattivi ghall-karozza li messet lilha thallsu wara li bdiet din il-kawza, u ghalhekk l-attur kellu kull ragun jistitwixxi kawza dwarhom, jibqa' l-fatt ukoll illi dwar dawn, ladarba din il-vettura kienet fil-pussess taghha, kellha tiehu hsieb l-attrici li fl-ewwel lok tevita dawn il-kontravenzjonijiet u fit-tieni lok thallashom direttament hi, kif imbaghad ghamlet wara li nbdiet il-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;
2. Jichad it-talba ta' l-attur in kwantu talab hlas ta' tmin mija u hamsin Euro (€850) relattivi ghall-vettura KBD 049;
3. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ta' l-attur in kwantu talab hlas ta' elfejn u mitt Euro (€2,100) relattivi ghall-vettura DBO 547.

L-ispejjez jithallsu kwantu ghal seba' partijiet minn ghaxra (7/10) mill-konvenuta u tliet partijiet minn ghaxra (3/10) mill-attur.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur